# 105. Il-Baqra u l-Ħmara

Il-Baqra u l-Ħmara daħlu
fi knisja ġewwa l-wied,
u raw pinġut fis-saqaf
il-kwadru tal-Milied:

U stagħġbu; “Kif jaħsbuha,”
qalu, “dawn il-bnedmin:
ipinġu baqra u ħmara
fid-deheb, f’nofs it-tiżjin!”

U wieħed minn fost l-Anġli
fil-kwadru tal-Milied
b’leħen ħelu qalilhom:
“Dawn tagħkom in-nanniet:

“Elfejn sena ilu l-Iben
ta’ Alla twieled f’għar,
għax ħadd mill-bliet u r-rħula
ma ried jilqgħu fid-dar;

“U kien hemm baqra u ħmara,
bla ma kienu jafuh,
kif rawh bil-bard iterter,
bin-nifs tagħhom saħħnuh;

“U dak l-egħmil ta’ ħniena
jixraqlu ġieh bla tmiem;
u min għamlu jixraqlu
ħdejn Alla jkun quddiem!”